# L-Imhabba u L-Grazzja Ta' Alla

## Din hi l-ittra ta' Sarah!

**I**nselli ghalikom b'imhabba f' isem l-iktar **isem prezzjuz ta' Kristu** , l-Isem fuq kull ismijiet!

Habib, qed thossok imdejjaq, anzjuz, bi htija, tisthi, bezghan, bla hila, wahdek, jew qed tahseb fuq il-mewt jew suwicidju? Qatt ma' xtaqt li jkollok hajja gdida mimlija **bil-paci**, **ferh** u **mhabba**? **Illum** tista' tibda tgawdi minn din **il-hajja gdida** fi Kristu Gesù. Dan hu **rigal** ta' Alla li qed jaghtik **b'xejn**!

Il-Bibbja tghidilna...

Alla halaq (ghamel) il-bniedem bhalu nnifsu (mit-trab ta' l-art). Imbaghad Alla nefahlu u b'hekk tah il-hajja. Alla semma dan ir-ragel Adam.

Alla ta mara (Eva) lill-Adam. Ghexu f'l-Eden. Alla qalilhom li setghu jieklu min kull xorta ta' frotta mis-sigar imma **mhux** mis-sigra tal-hajja. Jekk jieklu minna, imutu zgur.

Imma kielu minn dik il-frotta li Alla kien qalilhom ma' jiklux, u b'hekk Adam u Eva dinbu kontra Alla bid-**dizobbidjenza.** B'rizultat, **mietu spiritwalment** (isseparaw irwiehom minn Alla) u keccihom mill-Eden.

Il-Bibbja tghidilna...

> *"Ghalhekk, bhalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt lahqet il-bnedmin kollha, ghax kollha dinbu."* (Rumani 5:12)

> *"m'hemm ħadd li jaghmel is-sewwa; m'hemm lanqas wiehed;"* (Rumani 3:10)

> *"Il-bnedmin kollha dinbu u ccahhdu mill-glorja ta' Alla,"* (Rumani 3:23)

> *" Araw, kulhadd huwa tieghi; bhall-hajja tal-missier hekk dik ta' l-iben tieghi huma.* ***Min jaghmel id-dnub, ikun hu li jmut.****"* (Ezekjel 18:4)

> *"Għax il-ħlas tad-dnub hu l-mewt."* (Rumani 6:23a)

Allura **kulhadd** huwa midneb u jisthoqqlu jmur l-infern, **imma** ...

> *"...id-don li tana Alla huwa l-ħajja ta' dejjem fi Kristu Ġesù Sidna ."* (Rumani 6:23B)

**Ghax** Alla hekk habb lid-dinja li ta lil Ibnu l-wahdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, izda jkollu l-hajja ta' dejjem. Izda Alla wriena l-imhabba tieghu meta Kristu **miet ghalina**, ahna li konna ghadna midinbin. Gesù difnuh u Alla qajjmu mill-imwiet. (Ara Gwanni 3:16; Rumani 5:8, 10:9)

*"Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla ghamlu dnub ghalina sabiex ahna nsiru fih gustizzja ta' Alla."* (2 Korintin 5:21)

Alla ghamel il-parti tieghu. Issa inti jmissek taghmel **tieghek**. Issa x'ghandek taghmel **int?**

Gesù qal li kull min irid jidhol il-genna, hu/hi jrid jkollu l-ispirtu li tnissel minn Adam (li kien fil-fatt mejjet minhabba d-dnub ta' Adam), irid jerga jitwieled, **jitwieled mill-gdid. Gesù irrisponda,** *"Tassew, tassew nghidlek, li jekk wiehed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidhol fis-Saltna ta' Alla."* (Gwanni 3:5)

[**Ilma** hawnhekk ifisser il-Kelma ta' Alla, li qed taqra hawnhekk issa, u L-**Ispirtu** jfisser L-Ispirtu Santu t'Alla.]

*"Ma **twelidtux mill-**gdid minn nisel li jithassar, imma minn nisel li ma jithassarx, bis-sahha tal-**kelma ta'Alla** li tghix u tibqa' ghal dejjem,"* (1 Pietru 1:23)

Biex niftehmu ahjar, meta midneb jisma' l-Kelma ta' Alla, ser iniggess qalbu/qalba u L-Ispirtu s-Santu ser jikkonvincih/jikkonvinciha dwar "dnub" u "sewwa" u "gustizzja".

*"Il-kelma ta' Alla hi hajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'zewgt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruh u l-ispirtu u l-gogi u l-mudullun; u tgharbel il-hsibijiet u l-fehmiet tal-qalb."* (Lhud 4:12)

L-Ispirtu s-Santu jghinkom tifhmu li intkom (jigiffieri, il-gnus kollha) mixjin fit-triq il-hazina (lejn infern). Jekk tumilja ruhek u tfittex lil Alla, u ma tidnibx iktar (tahrab id-dnub), Alla zgur li:

- **jahfirlek** dnubietek,
- **jaghtik il-fidi** li temmen li Gesù gie ghalik u miet minflokok
- **jaghtik il-grazzja** (mhux misthoqq) li tqerr (taghraf/taccetta) lil Gesù bhala l'Alla f'hajtek u bhala s-Salvatur personali tieghek.

**Ha nghidu li** stedint lil xi hadd ghall-ikel. X'taghmel? Tnaddaf id-dar ahjar, u meta l-mistieden jasal ghandek u jhabbatlek il-bieb, tmur tiftahlu u tghidlu, **"Idhol, Idhol".** Hux hekk?

U kif irridu d-dar taghna tkun nadifa biex nircievu l-mistiedna ghall-ikel, l-istess imissna rridu l-qlub taghna jkunu nodfa biex nircievu lil Gesù f'qalbna. L-ewwel pass hu li nkunu konxji li qalbna hi "mahmuga" (kollha mrar). Fil-fatt, qalbna tant hzienet li l-anqas biss naraw f'liema stat hi!

*"Fuq kollox **qalb il-bniedem kollha qerq u mhassra**. Min jifhimha?"* (Geremija 17:9)

Ilma u sapun m'humiex ser inaddfu lil qlubna. **L-unika** haga li ser tnaddaf lill-qlub mid-dnub taghhom huwa **d-Demm Prezzjuz ta' Gesù**.

*"...id-**demm ta' Gesù Kristu** jnaddafna minn kull dnub."* (1 Gwanni 1:7b)

*"Fih (Gesù) ahna ghandna l-fidwa bid-demm tieghu, il-mahfra tad-dnubiet, skond l-ghana tal-grazzja tieghu."* (Efesin 1:7-8)

> *"Kunu afu li intom kontu mifdija mill-hajja taghkom fiergha li hadtu minghand missirijietkom, mhux b'xi haga li tintemm, bhalma hi l-fidda jew id-deheb, imma* ***bid-demm ghaziz ta' Kristu****, li kien bhal haruf bla ghajb u bla tebgha."* (1 Pietru 1:18-19)

Hemm bzonn li tistqarr (taccetta/titlob mahfra) dnubietek **quddiem Alla** w **sincerament** ma tidnibx aktar. Dan ifisser li hemm bzonn naghrfu htijietna ma' Alla, imbaghad **naharbuhom** u nduru **lejn** Alla. Alla qed jistennieha din l-istqarrija biex jahfrilna dnubietna u jnaddafna.

> *"Jekk nisqarru dnubietna, hu fidil u gust, hekk li jahfrilna dnubietna u jnadaffna minn kull hazen.."* (1 Gwanni 1:9 NIV)

> *"Ejjew, mela, nirragunaw flimkien, jghid il-Mulej, mqar jekk dnubietkom ikunu homor bhall-iskarlatt, isiru* ***bojod bhas-silg****; mqar jekk ikunu homor bhall-kremzi, isiru* ***bojod bhas-suf****."* (Isaija 1:18)

Qalbna hija dar u l-bieb msakkar minn gewwa. Ghandna nnehhu s-sakkra, nifthu il-bieb, u nisstiednu lil Gesù f'qalbna.

> *"Ara, jiena fil-bieb, u qieghed inhabbat; jekk xi hadd jismaghni u jiftahli l-bieb, jiena nidhol ghandu u niekol mieghu, u hu jiekol mieghi."* (Apokalissi 3:20)

Allura, **ghaziz habib**, **jekk joghgbok** tista tghid din **it-talba zghira** issa, biex **tistieden lil Gesù** go qalbek? *L' anqas minuta m' int ha ddum!* Il-Bibbja tghidilna,

> *"Ghax jekk inti tistqarr b'fommok, "Gesù hu l-Mulej", u temmen b'qalbek li Alla qajjmu mill-imwiet, inti ssalva. Wiehed jemmen f'qalbu biex ikollu l-gustizzja u jistqarr b'xufftejh biex ikollu s-salvazzjoni."* (Rumani 10:9-10)

Jekk joghgbok aqra **bir-reqqa**, **emmen** u **ghid** dit-talba, biex inti stess tista' tismaghha. Importanti li titlob **b'serjeta**, minn **qalbek**.

U ftakar, li qed titlob lil **Alla**, mhux lili.

**Ha nitolbu issa ....**

Ghaziz **Alla, Jiena midneb**. Jiddispjacini. Nitolbok tahfirli dnubieti.

Ahsilni u naddafni bid- id-Demm prezzjuz ta' Gesù, u aghmilni abjad daqs is-silg.

Nemmen li Gesù miet ghalija, u li ndifen. Nemmen li Int qajjimt lil Gesù mill-imwiet.

Issa **naccetta lil Gesù** bhala s-**Sid** ta' hajti, u s-**Salvatur** personali tieghi.

Gesù Alla tieghi, nitolbok **idhol go qalbi, ISSA**.

Nerhi l-ispirtu tieghi, ruhi, u gismi lilek, Gesù Alla!

F'isem Gesù, nichad lil Satana u x-xogholijiet kollha tieghu f'hajti.

Gesù Alla, nitolbok timlini b'l-**Ispirtu Qaddis** Tieghek u aghmilni bija dak li tixtieqni nkun, u mexxini fit-triq li tati ghal ghandek.

Nirringrazzjak, **Missier**, li hfirtli dnubieti u salvajtni, u li biddiltni f'iben prezzjuz

tieghek.

Nitolbok f'Isem Gesù, **Amen**.

Issa, jekk tlabt **sewwa**, bis-serjeta, **minn qalbek**, ghaziz habib, ser insaqqsik domanda semplici. Ahsiba u ghidli:

**Fejn hu** Gesù **issa**?

.

.

.

.

.

.

Jekk ir-risposta hi, "Gesù qieghed f'qalbi issa," nemmen li veru tlabt. Iva, Gesù qieghed f'qalbek issa. Nighdu "grazzi" meta nircievu xi haga, veru? Li tirringrazzja hija l-espressjoni l-aktar pura ta' fidi. Jekk joghgbok ghid, "Grazzi, Gesù!"

**Sa kemm** ghidt it-talba li taccetta lil Gesù bhala Alla u Salvatur tieghek, ir-relazzjoni tieghek ma' Alla kienet bhal "il-Hallieq u l-ghamla tieghu." Biss issa inbidlet f'dik ta' "**Missier li jhobb** u **l-mahbub iben/bint**".

Skond l-Iskrittura, issa salvajt (**twelidt mill-gdid**). Sirt Nisrani/Nisranija tassew, wild ta' Alla, ara Gwanni 1:12-13: *"Imma lil dawk li laqghuh tahom is-setgha li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux bid-demm, anqas mill-gibda tal-gisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, izda minn Alla."*

Ghal kull twelid (hajja) f'din id-dinja naturali, hemm bzonn zerriegha (sperma) u bajda. U l-istess fid-dinja spiritwali fejn il-"bajda" hija l-ispirtu taghna u z-"zerriegha" hi l-Kelma t'Alla li ma tintemm qatt.

> ***"Ma twelidtux mill-gdid minn nisel li jithassar, imma minn nisel li ma jithassarx, bis-sahha tal-kelma ta' Alla li tghix u tibqa' ghal dejjem**. Ghax: "Kull bniedem hu bhal haxix, u l-glorja tieghu kollha bhal ward ir-raba'; il-haxix jinxef u l-ward jaqa', imma l-kelma tal-Mulej tibqa' ghal dejjem." Din hi l-kelma ta' l-Evangelju li kien imxandar lilkom."* (1 Pietru 1:23-25).

**Ghalhekk ifrah. Kun kuntent, issa sirt tarbija fil-familja ta' Alla ghal dejjem.** Titwieled mill-gdid ifisser li sirt bniedem **gdid** (ara Korintin 5:17). Dak hu li jrid minnek Alla.

Dan hu il-**"Pjan tas-Salvazzjoni"** semplici ta' Alla**!**

Alla taghna s-salvazzjoni bil-grazzja Tieghu (Il-grazzja Tieghu li ma jistoqqilnhiex); **irridu** nircevuha (naghmluha taghna) bil-fidi (twemmin u fiducja)!!! M'hemmx ghalfejn inhallsu, ghax hemm miktub, *"id-don li tana Alla"* (Rumani 6:23b).

Rigal "**b'xejn**" ma jfissirx "rigal **bl-irhis**". Is-Salvazzjoni hija r-rigal l-iktar prezzjuza u ta' valur li Alla ta' lill-bniedem ghax Gesù hallas ghalih (ghal dnubietna) b'Hajtu u b'Demmu Prezzjuz.

Ha nghidu li tajtek rigal, nghidu, pinna. Tista tghid, "O, din pinna biss" u titfaghha xi mkien bl-addocc, jew, tista' tghid, "O, x'pinna din" u tuzaha kuljum. Zomm is-Salvazjoni **hajja**!!!

---

Il-Bibbja (il-Kelma ta' Alla) hi **"Ktieb ta' Istruzzjonijet"** ta' Alla ghalija w ghalik u ghal kull bniedem fid-dinja, l- istruzzjonijet ta' Alla li jghidulna kif ghandna nghixu l-hajja fuq din l-art … **x'ghandna** naghmlu u x'ma ghandnix naghmlu …. U istruzzjonijet li juruni **kif** ghandna nippreparaw irwiehna ghall- hajja eterna.

Bhal ma diga ghidt, issa sirt tarbija fil-familja ta' Alla ghal dejjem. L-ikel essenzjali ta' tarbija huwa l-halib; *"Bhal trabi tat-twelid, ixxenqu ghall-halib safi, il-halib tar-ruh, biex bih tikbru sa ma taslu ghas-salvazzjoni."* (1 Pietru 2:2)

Il-Bibbja tghidilna "l-ghemejjel tajbin" taghna, huma bhal "hwejjeg imniggsa" (ref. Isaiah 64:6) quddiem Alla. Ir-religjon jew knisja ma tista' qatt issalvana min nar ta' l-infern. La l-Isqof, la "pastor", la patri, la "mullah" ma jistaw isalvawna min-nar ta' l-infern. Permezz tad-dnub taghna, kull wiehed u wahda minna sejrin l-infern; dak hu l-post li jixirqilna! **L-ebda bniedem ma jista' jsalvana min-nar ta' l-infern hlief Gesù biss!**

Il-Bibbja tghidilna li **ma nistawx** "nixtru" il-genna. Hija rigal min Alla, bil-grazzja t' Alla **permezz** ta' Gesù Kristu. **Gesù huwa l-uniku triq ghal genna!**

> *"Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-sahha taghkom, imma b'don ta' Alla; mhux bl-opri, biex hadd ma jiftahar."* (Efesin 2:8-9)

**Kieku mitt qabel m'accettajt lil Gesù bhal Sid u Salvatur, kont tkun mitluf ghal-dejjem f'nar li ma jintemm qatt. Daqshekk hi serja!!!**

Il-hajja nisranija, fil-fatt, hija relazzjoni **personali** bejn zewgt bnedmin; tieghi hi bejn Gesù Kristu w jien, tieghek trid tkun bejn Gesù u int. Zomm ir-relazzjoni **hajja**!

Jekk int twellidt f'familja Nisranija, forsi tahseb li, anke int, awtomatikament int Nisranija. Izda il-verita hi li **hadd** hu **mwieled** Nisrani, **l-anqas** li tkun imwieled u mrobbu f'familja Nisranija taghmlek bniedem Nisrani ghax hemm miktub, *"Ghax Alla ma jharisx lejn l-ucuh."* (Rumani 2:11) **Mhux** zball li bniedem jitwieled Musulman jew Hindu jew ta' xi religjon iehor. Kristu miet ghal-umanita kollha. (Ara Gwanni 1:12-13; Rumani 5:6)

Fih ma hemmx Grieg jew Lhudi, cirkonciz jew mhux, Barbaru jew Skita, lsir jew hieles, izda **Kristu f'kollox u f'kulhadd**. (Ref. Galatin 3:28; Kolossin 3:11)

> *"Ma hemmx ghazla bejn Lhudi u Grieg; hu s-Sid ta' kulhadd u ghani ma' dawk kollha li jsejjhulu. Ghax* ***kull min isejjah isem il-Mulej****(Gesù)* ***isalva****."* (Rumani 10:12-13)

> *"Alla ghalaq ghajnejh sakemm il-bnedmin kienu ghadhom ma jafux; issa gharrafhom li kulhadd ghandu jindem, hu fejn hu … u li l-indiema ghall-mahfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-gnus kollha, ibda minn Gerusalemm."* (Atti. 17:30 & Luqa 24:47)

Hafna nies jahsbu li mhemx Alla jew xi uhud jahsbu li jistew jirrikorru ghand Alla f'l-ahhar mument ta hajjithom; imma, jahasra, ma jindunawx li jistew jaqaw u jmutu

b'sobtu! Ma jkollhomx l-ahhar canz! Hafna jidhqu meta issemmi l-Infern, imma l-Infern realta.

Il-kittieb famuz Dante kiteb li jista jkun hemm "poster" mal-gradi ta l-infern li jghid, "**Ghal dawk kolla li jidhlu hawn It-Taghmax izjed.**"

L-iktar gharef fost l-ghorrief, ir-Re Salamun, kiteb, *"Triq l-gharef tiehdu 'l fuq lejn il-hajja, u tbieghdu mill-mewt ta' that l-art"* (ref. Proverbji 15:24). Li tfisser li jekk bniedem ghix ghal mitt sena, imur il knisja jew moskeja jew tempju regolarment, dejjem jitlob, jaghti lil min m'ghandux, jghin il-foqra, kien maghmed meta kien zghir, jitqarben, ecc, ecc, imma ma ghandux relazzjoni diretta ma Gesù, **hu tellief**/ Sa kemm hu/hi **jsejjah l-Isem tal-Mulej** bhala is-Salvatur tieghu/taghha, Gesù ma jistax isalva dik il-persuna min nar ta' l-infern, mhux ghax Hu ma ghandux il-poter jew mhux kapaci, izda ghax ma jbiddilx il-Kelma Tieghu.

*"Gesù Kristu hu dak li kien, fl-imghoddi, issa u ghal dejjem."* (Lhud 13:8)

*"Ghax jien, il-Mulej, ma tbiddiltx;"* (Malakija 3:6a)

Bil-grazzja ta' Alla, **issa** sirt Wild ta' Alla. Issa biex turi **l-obbedjenza lejn Alla, Missierek fis-smewwiet**, trid tiehu l-**maghmudija ta' l-ilma**, biex (simbolikament) tidentifika ruhek ma' Gesù f'**mewtu, fid-difna,** u **fil-qawmien** biex imbaghad tista timxi fil-qawmien il-gdid tal-hajja.

Issa l-Ispirtu s-Santu qieghed go fik bhala garanzija li inti tifforma parti mill-familja eterna ta' Alla. Hemm bzonn li tircievi il-milja ta' l-Ispirtu s-Santu li jikkonferma ruhu fit-talb bl-ilsna, u tghix hajja Nisranija gdida, qaddisa u rebbieha.

Fil-Bibbja, il-bniedem huwa mqabbel ma' sigra. Gesù qal li sigra tajba tingharaf mill-frott tajjeb taghha u sigra hazina mill-frott hazin li taghmel. Il-Bibbja tordnalna naghmlu frott tajjeb ta' penitenza!

## X'inhi penitenza fir-realta?

Int (i.e., il-bnedmin kollha) kienu mixjin lejn l-infern. Huma u sejrin, smajt il-kelma ta' Kristu. Imbaghad l-Ispirtu s-Santu gharrfek x'kien "dnub", "sewwa" u "gudizzju etern", u int fhimt li inti midneb u li kont miexi lejn l-infern. Waqaft hemm, dort lejn Alla u tlabt mahfra (ghidlu "Sorry") ghal dnubietek, u ddeccidejt timxi wara Kristu. Din hija penitenza, li tfisser sempliciment li taghmel "U-Turn" f'hajtek."

Umilja ruhek u **halli** lill-Ispirtu s-Santu **jbiddillek** hajtek … l-agir tieghek, kif iggib ruhhek, specjalment kif titkellem. Imwieled mill-gdid ifisser **tinbidel** f'bniedem **gdid fjamant**. Dak hu li Alla iridek issir.

*"Meta wiehed jinghaqad ma' Kristu, isir holqien gdid; il-qadim ghadda* ***u dahal il-gdid****."* (2 Korintin 5:17)

Hemm bzonn li n-nies li jiltaqghu mieghek fil-hajja ta' kuljum jaraw **bidla** fik, u bil-fors isaqsuk, "Hej, imma int gralek xi haga. X'inhi?" Imbaghad tista' tghidilhom, "Ghax Gesù qed jghix go fija **issa**; Biddilni."

Uza din l-opportunità biex tghidilhom x'inhi s-Salvazzjoni, u ghinhom jifhmu kif jistghu jistiednu lil Gesù f'hajjithom u kif jistghu isalvaw irwiehom, jitwieldu mill-gdid.

**Tista' tirrakkomandalhom din is-"site".** Jekk joghgbok imla l-formola ta' l-imejl hawn taht. Hu facli-biex-tuza **hafna.** Bi **klik wahda** biss, tista tibghat imejl lil hbiebek **kollha**! [U tista taghmel "bookmark" ta din is-"site" fil-"Favourites".]

**FTAKAR! Kull wiehed u wahda minna** ha jkollu jidher quddiem Alla l-Gurnata tal-Gudizzju u naghtu rendikont ta kollox li ghamilna, ghedna, u hsibna matul hajjitna fuq din l-art. Il-Bibbja tghidilna, *"U kif hu miktub ghall-bnedmin li ghandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-gudizzju..."* (Lhud 9:27). Alla ghandu gurnata lest biex jiltaqa ma' kullhadd **personalment** u **wicc im b'wicc**, fil-Gurnata tal-Gudizzju. Bla **ebda** eccezzjoni! **Hadd m'hu ser jahrab minnha!** Allura ghix illum daqs li kieku ghada ser tidher quddiem Alla!

Ghidtha t-talba li hawn iktar il-fuq? Jekk le, nispera li tghidha issa u tircievi r-rigal ta' hajja eterna minn Alla.

> Ghaziz **Alla, Jiena midneb**. Jiddispjacini. Nitolbok tahfirli dnubieti. Ahsilni u naddafni f'isem id-Demm Prezzjuz ta' Gesù, u ghamilni abjad daqs is-silg. Nemmen li Gesù miet ghalija, u li ndifen. Nemmen li Int qajjimt lil Gesù mill-imwiet. Issa **naccetta lil Gesù** bhala s-**Sid** ta' hajti, u s-**Salvatur** personali tieghi. Gesù Alla tieghi, nitolbok **idhol go qalbi, ISSA.** Nerhi l-ispirtu tieghi, ruhi, u gismi lilek, Gesù Alla! F'isem Gesù, nichad lil Satana u x-xogholijiet kollha tieghu f'hajti. Gesù Alla, nitolbok timlini bl-**Ispirtu Qaddis** Tieghek u ghamel bija dak li tixtieqni nkun, u mexxini fit-triq li taghti ghal ghandek. Nirringrazzjak, **Missier**, li hfirtli dnubieti u salvajtni, u li biddiltni f'iben prezzjuz tieghek. Nitolbok f'Isem Gesù, **Amen**.

Jekk tlabt u accettajt lil Gesù illum (minn fuq dan is-"site"), ghaziz hija/ohti, ibaghtli imejl fuq sarah@his-amazing-love.org biex inkun nista' nifrah mieghek.

**Ghandek Bibbja?** Nizzel id-data (tal-lum) go fiha u ikteb "Jiena salvajt ruhi/twelid mill-gdid (id-data tal-lum)" jew "Accettajt lil Gesù bhala Sidi u Salvatur tieghi (id-data tal-lum)" jew "Il-gurnata li fija sirt Nisrani/Nisranija (id-data)." Jekk xi hadd isaqsik, "Inti salv, int twelidt mill-gdid?" ghidlu, **"Bil-grazzja Tieghu, iva, hekk hu."**

*"Dan ktibtu lilkom, li temmnu fl-isem ta' l-Iben ta' Alla biex tkunu tafu li intom ghandkom il-hajja ta' dejjem."* (1 Gwanni 5:13 NIV)

J' Alla l-grazzja ta' Sidna Gesù Kristu tkun maghkom ghal dejjem. Amen.

Tieghek fi Kristu,
**Sarah**

(Il-versi kollha huma mehudin minn mill-verzjoni ta' l-Ghaqda Biblika)